# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PARZJALI NUMRU 1 9 6 1

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2491/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Keith Micallef**

**vs**

**Michael Attard (Imports) Limited u Michael Attard Holdings Limited ghal kwalunkwe interess li ghandha jew li jista' jkollha**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

<u>Illum 22 ta' Settembru 2009</u>

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors tar-rikorrenti Keith Micallef ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fil-25 t'April 2007, u ffirmat mill-avukati John Refalo u Philip Magri.

<u>DIKJARAZZJONIJIET</u>

Fir-Rikors promotorju r-rikorrenti jghid li kien impjegat bhala 'mechanic' skond kuntrat tax-xoghol indefinit mas-socjeta` intimata; u l-impieg tieghu huwa regolat ukoll mill-ftehim kollettiv; jghid li l-impieg tieghu gie terminat mis-socjetajiet appellati jew min minnhom fil-5 ta' Jannar 2007 permezz ta' ittra li ggib l-istess data fejn is-socjeta appellata allegat li r-raguni ghat-tmiem ta' l-impieg kienet tikkonsisti f'allegat ksur min naha ta' l-istess esponenti fil-jum tas-16 ta' Novembru 2006 tal-klawsola numru hamsa u erbghin (45) tal-ftehim kollettiv surreferit, liema klawsola tipprovdi, fost oharjn, li impjegati li dahlu jahdmu mas-socjeta` appellanti wara l-1 ta' novembru 1981 m'ghandhomx

jikkompetu b'mod dirett mas-socjeta` intimata. Huwa jghid li r-ragunijiet moghtija mis-socjeta` intimata huma fil-fatt infondati u ingustifikati u ghalhekk it-tkeccija saret illegalment ghaliex ma hijiex msejsa fuq raguni gusta u sufficjenti kif titlob il-ligi, u dan minghar pregudizzju ghas-suespost u minghajr pregudizzju ghal dawk ir-ragunijiet ulterjuri li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, ghaliex huwa dejjem esegwixxa d-dmirijeit tieghu sew, qatt ma kiser il-kundizzjoni premessa u/jew l-appellanti (korretta bhala l-intimatai) kienet irrinunzjat ghall-klawsola in kwistjoni fil-konfront tal-esponenti; li l-klawsola imsemmija hija nulla u minghajr effetti fil-ligi fost l-ohrajn ghaliex din tikser il-ligi Ewropea in kwantu tikkostitwixxi vjolazzjoni indebita tal-principji fundamentali Ewropej tal-kompetizzjoni; li din il-klawsola hija nulla stante li tikkostitwixxi "restraint of trade" ghal liema l-esponent ma giex ikkumpensat skond il-ligi; li r-raguni vera tat-tkeccija kienet fil-fatt sabiex b'hekk il-kumpanija taghmel pressjoni fuq il-Union li tirrapprezenta lir-rikorrent fl-ambitu ta' negozjati li dak iz-zmien kienu ghaddejjin bejn il-Union u l-Assocjazzjoni ta' l-importaturi tal-karozzi; u ulterjorment l-esponent gie mkecci mix-xoghol kiesah u biered minghajr ma inghata t-twissijiet opportuni kif mehtiga mil-ligi li tirregola l-impieg u r-relazzjonijiet industrijali. Ir-rikorrent talab li jinghata rimedju.  Ir-Rikorrent naqas li jressaq Statement of Case fiz-zmien lilu moghti, u sussegwentement dan gie sfilzat.

Fl-istqarrija tal-kaz taghhom, is-socjetajiet intimati Michael Attard (Imports) Limited u Michael Attard Holdings Limited eccepew li:

(1) li l-att promotur huwa null stante li hemm konfuzjoni jekk dan huwiex rikors ta' Keith Micallef jew ta' Ismahel Vassallo, oltre li l-istess att gie iffirmat mill-konsulent legali tieghu u mhux minnu stess.

(2) li l-kumpanija intimata Michael Attard Holdings Limited  ma ghandha ebda relazzjonij guridika mar-rikorrent Keith Micallef stante li r-rikorrent beda jahdem mal-kumpanija Michael Attard Limited, u meta sar ristrutturar tal-kumpanija fis-sena 2004 r-rikorrent gie assenjat ma' Michael Attard (Services) Limited.

(3) li Keith Micallef ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-kumpanija Michael Attard (Imports) Limited stante li dan qatt ma kien impjegat ta' dina l-kumpanija.

(4) li uhud mill-kawzali li fuqhom huwa imsejjes ir-rikors promotur jirrikjedu li dan it-Tribunal jiddeciedi dwar kwistjonijiet li ma jinkwadrawx fil-kompetenza ta' dana t-Tribunal. Dan hu kaz ta' inkompetenza ratione mataeriae.

(5) li l-klawsola li timpedih milli jaghmel xoghol in kompetizzjoni hija *in restraint of trade* mhix materja li ghandha tigi investigate minn dan it-Tribunal, u ghalhekk hemm mill-gdid inkompetenza ratione materiae.

(6) li l-azzjoni hija perenta bit-terminu ta' 4 xhur stabbilit mill-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

(7) li fil-mertu jinghad li li t-tkeccija saret a bazi ta' klawsola 45 tal-Ftehim Kollettiv li jghid li jekk xi impjegat jaghmel xoghol li hu jew jista' jkun in kompetizzjoni ma' l-istess Kumpanija jista' jitkecca b'effett immedjat.

PRELIMINARI

Ghall-iskopjiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinghad li din il-kawza ma setghetx tinghalaq fi zmien xahar sew minhabba numru ta' eccezzjonijiet legali li kellhom jigu sorvolati kif ukoll ghaliex tressqu ammont sostanzjali ta' xhieda miz-zewg nahat fuq numru ta' seduti.

Fl-ewwel seduta r-rikorrent talab li jsiru numru ta' korrezzjonijiet minhabba zbalji konsiderevoli fir-rikors promotur tieghu. L-intimati kkoncedew li jsiru uhud mill-korrezzjonijet, izda t-Tribunal laqa' t-talba ghal tali korrezzjonijiet stante li l-intimati ma kienux ser jigu pregudikati. B'dan ma ghadx hemm lok li dan it-Tribunal jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-sojcetajiet intimati. Fit-tieni seduta tqajmu punti legali ohra, partikolarment ghaliex ir-rikorrent baqa' qatt ma pprezenta *statement of case* u lista tax-xhieda.

Imbaghad b'digriet tat-30 t'Ottubru 2007 gew decizi diversi punti legali sollevati mis-socjetajiet intimati, inkluz li gie sfilzat l-*istatement of case* li mhux biss ma giex ipprezentat fiz-zmien indikat mis-Segreterija tat-Tribunal izda anqas fiz-zmien moghti lilu it-Tribunal seduta stante.

L-eccezzjonijiet numri 4, 5, u 6 gew decizi b'decizjoni parzjali tad-29 ta' Jannar 2008, b'dan li ghalhekk kien ghad baqa' l-eccezzjonijiet numri 2, 3 u 7 x'jigu decizi. Sfortunatament il-partijiet qablu li issa kellha tigi deciza l-kwistjoni ta' jekk kienx hemm rinunzja ghal klawsola 45 tal-Ftehim Kollettiv, u l-kwistjoni ta' karenza ta' relazzjoni guridika bejn ir-rikorrent u s-socjetajiet intimati tithalla ghal aktar tard, meta jidher li tali kwestjoni kellha tigi deciza qabel kull kwestjoni ohra. Hawnhekk qed jigi deciz jekk kienx hemm rinunzja da parti tas-socjetajiet intimati ghal klawsola 45 tal-Ftehim Kollettiv.

<u>IL-PROVI</u>

Ghandu jinghad li minkejja li x-xhud Andrew Mizzi jghid li l-Ftehim Kollettiv kien gie iffirmat fit-30 ta' Awwissu 2004, hemm qbil li l-kopja ta' l-istess Ftehim Kollettiv datata 24 ta' Dicembru 2002 u ipprezentata fl-atti ta' dan il-kaz hija dik enforzabbli bejn il-partijiet u ghalhekk l-ezistenza ta' klawsola hamsa u erbghin (45) mhix tigi kontestata. Madankollu r-rikorrent jikkontesta tali klawsola b'diversi modi, inkluz li jghid li din tmur kontra l-ligijiet ta' l-Unjoni Ewropea u tmur kontra l-ligijiet tal-kompetizzjoni gusta: kif inghad tali ilmenti ma jistghux jitressqu ghal decizjoni minn dan it-Tribunal. Ir-rikorrent allega wkoll li l-agir ta' l-intimati kellu jinftihem li huma rrinunzjaw ghal tali klawsola, ta' l-inqas fil-konfront tieghu.

L-imsemmi rapprezentant tal-General Workors Union Andrew Mizzi jghid li hu kien involut fl-istorja personalment u rrizultalu li meta Michael Attard Limited ma kinitx tista' tlahhaq max-xoghol li kien jidhlilha kienet taghti sub-contracting, inkluz lil Keith Micallef. Jghid li dan ammettietu l-kumpanija stess. Skond l-istess xhud, meta tqajjem dan il-punt il-kumpanija irrispondiet

fis-sens li jekk hi taghti sub-contracting kienet affari taghha, imma l-individwu ma jistax jaqbad u jiehu xoghol minn jeddu. Jghid li din il-klawsola 45 hija wahda antika u ilha tintuza minn diversi impurtaturi tal-karozzi li kollha kienu qed jippretendu li jwessghuha fis-sens li l-impjegati ma jkunux jistghu jaghmlu xoghol part-time fuq karozzi. Il-Union irrezistiet u l-klawsola baqghet tghid li dawn ma jistghux jaghmlu xoghol f'kompetizzjoni diretta ma' l-importaturi, fis-sens li Keith Micallef ma setax jahdem fuq il-karozzi Peugeot fil-garage personali tieghu.

Xehed Michael Attard li qal li gieli ghadda xoghol lil certu Vassallo li kien impjegat anzjan maghhom u li kellu zewg uliedu jahdmu hemm ukoll. Jghid li lil Keith Micallef xoghol ta' towing biss kien jghaddilu. Ismahel Vassallo xehed li l-kumpaniji intimati kemm-il darba ghaddewlhom xoghol anke fuq Peugeots biex isiru fl-istabbiliment ta' missierhom. Propjament ix-xoghol jinghata biex jinhadem fl-istabbiliment ta' missirhom u Ismahel u huh imorru jahdmu hemm. Anke s-superjur taghhom John Falzon kien jiehu l-karozzi tal-kumpanija ghand dawn Vassallo. Jghid li aktarx Michael Attard kien ikun jaf ghaliex il-parts kienu jingiebu regolarment mill-istore tal-kumpanija.

Keith Micallef jghid li kemm-il darba l-kumpaniji intimati tawh xoghol ta' mechanic biex jaghmlu privatament. Kien hemm kaz fejn il-foreman Joe Vassallo gablu xoghol ta' tqeghid ta' magna. Jghid li kellu ricevuti li juru li hu mhux xoghol ta' towing biss kienet ittih il-kumpanija, imma anke xoghol ta' servicing. Jghid li dan ma kienx isir spiss, u aktarx li kien jithallas b'cheques ta' Micheael Attard. Jghid li meta kien jaghmel xoghol ta' towing lill-intimati kienet tinhariglu ricevuta meta jhallas, izda ghal xoghol mechanical ma kinitx tohroglu ricevuta: il-hlas kien ikun b'cheque. Meta rega' xehed ir-rikorrent elenka d-drabi li ghamel xoghol fuq talba ta' l-intimati fl-2002, 2003 u l-2004 tramite Toni Casha: tliet dokumenti li jirreferu ghal 4 xogholjiet (wahda doppja). Jghid li l-accountant ma zammlux il-kotba kollha u jista' jkun li kien hemm ohrajn. Imbaghad ir-rikorrent hallielna l-identita` ta' dan l-accountant mistura, bhal ma hija incerta l-identiata' ta' min baghatu ghand dan l-

accountant, li kien certu Gordon. L-invoices ipprezentati juru li r-rikorrent ghamel hafna xoghol fuq Peugeots lil terzi matul l-istess perjodu.

KONSIDERAZZJONIJIET

Hawnhekk il-kwistjoni kollha hi jekk il-fatt li Michael Attard Limited ghadda xi xoghol ta' mechanic lir-rikorrent kellux jinftihem li saret rinunzja tacita ta' klawsola 45 tal-Ftehim Kollettiv. Il-kazistika fuq dan il-punt hija cara: *pacta sunt servanda* u r-rinunzja ghal xi klawsola partikolari f'kuntratt trid tkun esplicita u inekwivoka. Ir-rikorrent tkellem fuq erba' bicciet xoghol fuq medda ta' tliet snin, u allura wiehed jista' jghid li dawn kienu incidenti okkazjonali. Di piu`, bhal ma intqal lir-rapprezentant tal-General Workers Union, il-kumpanija certament irrinunzjat ghal klawsola 45 meta hija stess ghaddiet xoghol lir-rikorrent, imma dik kienet rinunzja ghal kazijiet specifici u ma kellhiex tfisser li r-rinunzja kienet wahda totali. Klawsola 45 taghti dritt lill-intimati, imma dawn jistghu, f'okkazjonijiet partikoari, jiddeciedu li jirrinunzjaw ghalih; imma r-rikorrent ma jistax jippretendi li r-rinunzja tkun wahda assoluta u ghal dejjem.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li r-rikorrent ma gabx provi sodisfacenti li juru li l-kumpaniji intimati irrinunzjaw b'mod assolut ghal klawsola 45 tal-Ftehim Kollettiv bejn l-istess socjetajiet u l-General Workers Union. Se mai ir-rinunzja kienet biss ghal kazijiet individwali u okkazjonali. Ghalhekk dan il-kaz ghandu jkompli jinstema' sew fuq l-eccezzjonijiet preliminari li fadal u sew fuq il-mertu propjru dwar jekk inkisritx din il-klawsola 45 tal-Ftehim Kollettiv.

**Dr Leslie Cuschieri**

Chairman

Segretarju